MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2010

Numru 261/2007

**Il-Pulizija**
**Sp Angelo Gafa'**
**vs**
**Mario Hallett**

**Il-Qorti**

**Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Mario Hallett ta' 39 sena iben Francis u Frances nee' Cutajar mwieled Pieta fid-29 ta' Dicembru 1968 u residenti 'Sealine' Flat 7 Triq San Geraldu San Pawl il-Bahar, ID 24269 (M).**

**Akkuzat talli fis-17 ta' Marzu 2007 u fi zminijiet ta' qabel f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni ahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann**

**jew billi wera haga b'ohyra sabiex ggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex tqantqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' LM1065 bi hsara tas-socjeta Kwik Mix Limited.**

**Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku , jew fi skrittura kummercjali, jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhawl dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew ffiurmati, inklella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw**

**Ukoll talli fl-istess cirkostanzi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.**

**Rat l-atti kollha tal-process.**

**Rat l-Artikoli mibghutin mill-Avukat Generali fis-7 ta' Dicembru 2009. Rat li l-imputat ta l-kunsens tieghu sabiex jibqa' quddiem din l-istess Qorti.**

**Rat l-ammissjoni ta' l-imputat liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata hin bizzejjed biex jahsibha.**

**Ghaldaqstant it-tliet imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.**

**Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17H, 183, 184, 308, 310 u 533 tal-Kap 9 ssib lill-imputat hati tat-tliet**

**imputazzjonijiet dedotti kontrieh b'dan pero li t-tieni imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel wahda ai terminu ta' l-imputazzjoni 17H tal-Kap 9. Jirrizulta li l-imputat hallas dak kollu li kellu jaghti u ghal hekk ma fadalx iktar pendenzi civili kontra l-persuni indikati. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel ebda reat iehor fi zmien sentejn millum u dan skond l-Artikolu 22 tal-kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti spjegat lill-imputat xi jfisser l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------